MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 597/2008

**George Bonello**

**vs**

**Anthony Caruana**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta’ elfejn, erba’ mija, sitta u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€2456.65) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar, dovut mill-konvenut ghal bejgh ta’ bozoz u ‘lamp holders’ liema ammont baqa’ ma hallasx.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra mill-atti illi giet prezentata nota li biha l-attur qed icedi s-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, izomm il-pretenzjonijiet tieghu dwar il-Kap ta` l-ispejjez.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi filwaqt illi l-attur ceda s-sorte stante pagament gie pprezentat Kapitolu ghall-ispejjez, fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2008 mill-Avukat Frank Cassar.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici ghall-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------